Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

**Brussell, 7 ta' Diċembru 2023**
**(OR. en)**

**15485/23**

**LIMITE**

**PECHE 507**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' Protokoll ta' Implimentazzjoni għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde |

1. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat ir-rakkomandazzjoni ta' hawn fuq lill-Kunsill fit-13 ta' Novembru 2023[1].

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina r-rakkomandazzjoni fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Novembru 2023. Il-kompromess tal-Presidenza[2] ġie eżaminat fil-laqgħa tal-attachés tas-sajd fit-23 ta' Novembru u ġie approvat fil-Grupp ta' Ħidma fit-30 ta' Novembru 2023.

3. Konsegwentement, il-COREPER huwa mistieden jikkonferma l-qbil li ntlaħaq fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma u jissuġġerixxi li l-Kunsill, f'laqgħa li jmiss:

   - jadotta d-Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati kif tinsab fid-dokument 15480/23 (kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti), u jaqbel mad-direttivi ta' negozjati kif jinsabu fid-dokument 16275/23;
   - jiddeċiedi li ma jippubblikax id-Deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 17(2)(b) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu;

[1] Id-dokumenti 15268/23 + ADD 1. L-evalwazzjoni tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-UE u Cabo Verde waslet ukoll fit-13 ta' Novembru 2023 (ara d-dokumenti 15268/23 ADD 2 COR 1 + ADD 3).

[2] Id-dokument 15586/23

- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u għalhekk ser tintbagħat kopja stampata tad-Deċiżjoni li tinkludi d-direttivi ta' negozjati lill-Parlament; u

- jdaħħal id-dikjarazzjoni fl-Addendum għal din in-nota fil-minuti tal-Kunsill.

PUBLIC